MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Numru 1/2004

Ammissjoni Nru: 1/2014

Ir-Repubblika ta' Malta

Vs

Aaron Scortino

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti ,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja fil-konfornt ta' Aaron Scortino, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 441478M talli:

F'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Marzu, 2014 u fil-jiem ta' qabel:-

1. Kellu fil-pussess teighu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghanhom x'jaqsmu mal-hatra t' eseperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), bħala Qorti Istruttorja tad-29 ta' Marzu, 2014, fejn l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara illi dik il-Qorti tgħatu żmien biex jikkunsidra il-posizzjoni tiegħu.

Rat id-diġriet ta' din l-istess Qorti, datat 14 ta' April, 2014, fejn il-Qorti ai termini tal-artikolu 395B(4) appuntat il-kawża għas-smiegħ għas-16 ta' Mejju, 2014.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-reġistru ta' din il-Qorti nhar it-2 ta' Mejju, 2014, fejn iddikjara illi ai termini tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet adebitati lill-imputati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għalihom ammetta għandhom jitqiesu bħala att ta' akkuża ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Rat ir-rikors konġuntiv tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Aaron Scortino, pprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2014, fejn qablu illi tenut kont tal-ammissjoni il-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużat minn din l-Onorabbli Qorti, wara l-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta bi grad, għandha tkun il piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6) sninu sitt (6) xhur, flimkien ma' multa ta' hmistax il-elf Ewro (€15,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra

tassattiva ghad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' htija ai termini tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz il-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-propjeta' mobbli u mmobbli appartentnti lill-istess akkuzat.

Tiddikjara lil akkużat Aaron Scortino ħati talli:

F'dawn il-Gzejjer fis-27 ta' Marzu, 2014 u fil-jiem ta' qabel:-

1. Kellu fil-pussess teighu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienetx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kienitx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijet ta' Malta.

Ikkunsidrat,

Din il-Qorti tħoss li f' dan il-kaz partikolari għandha taderixxi għat-talba konġuntiva magħmula fit-18 ta' Awwissu, 2014.

Din il-Qorti ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2, 8(a)(d)(e), 9, 10(1), 12, 15A, 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(ii)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24A u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi (Kap. 101), u r-regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikoluzi (AL 292/1939), u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kap. 9.

Tikkundanna lil ħati Aaron Scortino il-piena ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6) snin u sitt (6) xhur, flimkien ma multa ta' hmistax il-elf Ewro (€15,000).

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta′ Malta ta′ kull flejjes jew proprjeta′ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b′nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x′jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qorti u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta′ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta′ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta′ din il-Qorti b′nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------